KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 1.9.2005
KUMM(2005) 388 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**DWAR PROGRAMMI TA' PROTEZZJONI REĠJONALI**

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**DWAR PROGRAMMI TA' PROTEZZJONI REĠJONALI**

## 1. INTRODUZZJONI

1. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Ġunju 2004, *"Aċċess Aħjar għal Soluzzjonijiet fit-Tul"* (KUMM(2004) 410) (il-Komunikazzjoni ta' Ġunju 2004), ipproponiet metodu ġdid ta' l-UE għall-iskema ta' protezzjoni internazzjonali. Il-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali, għandhom jitressqu bil-ħsieb li tittejjeb il-kapaċità ta' protezzjoni tar-reġjuni involuti u biex tiġi protetta l-popolazzjoni tar-refuġjati hemmhekk billi jipprovdu Soluzzjonijiet Sostenibbli (it-tliet Soluzzjonijiet Sostenibbli huma r-ripatrijazzjoni, l-integrazzjoni lokali jew ir-riallokazzjoni f'pajjiż terz jekk l-ewwel żewġ Soluzzjonijiet Sostenibbli ma jkunux possibbli)[1]. Il-Komunikazzjoni ppoponiet ukoll li titwaqqaf skema ta' Ripatrijazzjoni madwar l-UE bħala mezz ta' kif ikun hemm protezzjoni għal numru akbar ta' refuġjati u biex ikun assigurat dħul aktar regolari u immaniġġjat fl-UE.

2. Fill-Programm ta' the Hague ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa l-bżonn li l-UE, fi spirtu ta' responsabbiltà reċiproka, għandha tagħti kontribut għal sistema ta' protezzjoni internazzjonali aktar aċċessibbli, sostenibbli u effettiva bi sħab ma' pajjiżi terzi u li tipprovdi aċċess għal soluzzjonijiet ta' protezzjoni u ta' sostenibbiltà mill-iktar possibbli. Saret distinzjoni bejn il-bżonnijiet differenti ta' pajjiżi f'reġjuni ta' tranżitu u pajjiżi f'reġjuni ta' oriġini. Il-pajjiżi li jinsabu f'reġjuni ta' oriġini jew ta' tranżitu se jkunu mħeġġa fl-isforzi tagħhom biex isaħħu l-kapaċità għal-protezzjoni tar-refuġjati. Dwar il-pajjiżi u r-reġjuni ta' oriġini, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tiżviluppa Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali ta' l-UE bi sħab mal-pajjiżi terzi kkonċernati u b'konsultazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib ma' l-UNHCR. Dawn il-programmi għandhom jissejsu fuq l-esperjenza miksuba fi programmi pilota ta' protezzjoni mnedija qabel it-tmiem ta' l-2005. Dawn il-programmi għandhom jinkorporaw varjetà relevanti ta' strumenti, li jiffukaw l-aktar fuq il-bini ta' kapaċitajiet, u jinkludu programm konġunt ta' riallokazzjoni għal dawk l-Istati Membri li jistgħu jkunu lesti li jipparteċipaw fi programm bħal dan fuq bażi volontarja. Dwar il-pajjiżi

[1] Ir-***ripatrijazzjoni*** huwa r-ritorn ta' persuna fil-pajjiż tiegħu. Fil-kuntest ta' Soluzzjonijiet Sostenibbli dan ir-ritorn iseħħ fis-sigurtà u d-dinjità.
L-***integrazzjoni lokali*** hija l-integrazzjoni ta' refuġjat fil-komunità ta' pajjiż ospitanti bi prospetti ta' residenza legali u awtonomija personali.
Ir-***riallokazzjoni*** tinvolvi l-għażla u t-trasferiment ta' refuġjati minn Stat li fih talbu protezzjoni għal Stat terz fejn jibbenefikaw minn garanzija ta' protezzjoni li tinkludi residenza u prospetti ta' integrazzjoni u awtonomija. Ir-riallokazzjoni tista' tintuża f'sitwazzjonijiet fejn ir-refuġjati ma jistgħux jirritornaw fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom u lanqas ma jistgħu jintegraw fil-pajjiż tal-kenn politiku tagħhom. L-*"Istudju dwar il-Fattibilità għat-Twaqqif ta' Skemi fl-Istati Membri ta' l-UE jew fuq livell ta' l-UE, Kontra l-Isfond ta' Sistema Komuni Ewropea tal-Kenn Politiku u l-Mira għal Proċedura Komuni ta' Kenn Politiku"* (ippubbllikat mill-Kummissjoni f'Mejju 2004) jagħti eżaminazzjoni akbar dwar il-possibilitajiet ta' riallokazzjoni fil-kuntest ta' l-UE.

ta' tranżitu, il-Kunsill Ewropew saħaq dwar il-bżonn ta' kooperazzjoni u bini ta' kapaċitajiet aktar intensivi, kemm mal-fruntieri tan-Nofsinhar kif ukoll tal-Lvant ta' l-UE biex dawk il-pajjiżi jkunu jistgħu jimmaniġġjaw aħjar il-migrazzjoni u biex jipprovdu l-protezzjoni xierqa lir-refuġjati.

3. Din il-Komunikazzjoni hija r-risposta mill-Kummissjoni għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 u t-3 ta' Novembru 2004 li stiednet lill-Kummissjoni biex tippreżenta pjan ta' azzjoni għal wieħed jew aktar mill-Programmi pilota ta' Protezzjoni Reġjonali sa Lulju 2005 l-iktar tard. Il-Kunsill qal li Programm pilota ta' Protezzjoni Reġjonali għandu jindirizza sitwazzjoni speċifika u jkun orjentat għall-protezzjoni. Dan għandu jitfassal fuq firxa ta' miżuri, bħall-assistenza lill-pajjiżi terzi biex ikun konformi ma' l-obbligi internazzjonali taħt il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u strumenti internazzjonali relevanti oħrajn, biex tittejjeb il-kapaċità ta' protezzjoni, l-aċċess aħjar għar-reġistrazzjoni u l-integrazzjoni lokali u l-assistenza għat-titjib ta' l-infrastruttura lokali u l-immaniġġjar tal-migrazzjoni. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi għandhom jitkomplew b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-UNHCR u, fejn ikun relevanti, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn. Fondi mill-UE jew sorsi oħrajn li jista' jkun hemm għandhom jiġu indikati. Wieħed għandu jara li jkun hemm koerenza mal-metodu tal-Komunità dwar ir-reġjuni u l-pajjiżi terzi kkonċernati.

4. Il-Programmi Reġjonali ta' Protezzjoni għandhom ikunu msejsa fuq azzjonijiet li jeżistu diġà, speċjalment fuq il-programmi finanzjarji AENEAS u TACIS, u m'għandhomx ikunu bbażati fuq qafas finanzjarju ġdid. Din il-Komunikazzjoni tispjega l-qafas ġenerali li fih għandhom jaħdmu l-Programmi pilota ta' Protezzjoni Reġjonali, tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar l-applikazzjoni u l-kontenut ġeografiku u tressaq 'il quddiem mod għall-inklużjoni tal-metodi tal-Programm ta' Protezzjoni Reġjonali fir-relazzjoni tal-Komunità mar-reġjun u l-pajjiżi involuti. L-ewwel sezzjoni tagħti l-isfond tal-politika wiesgħa tal-Komunikazzjoni; it-tieni waħda tiffoka fuq dak li jista' jkun il-kontenut tal-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali: it-tielet waħda teżamina l-għażla tat-territorji ġeografiċi għall-applikazzjoni tal-Programmi pilota ta' Protezzjoni Reġjonali u kif dan il-metodu jista' jkun minsuġ fil-politika tal-Komunità lejn il-pajjiżi u r-reġjuni kkonċernati; ir-raba' u l-ħames sezzjoni jindirizzaw lir-reġjuni speċifiċi fejn japplikaw l-ewwel żewġ Programmi pilota ta' Protezzjoni Reġjonali; l-aħħar sezzjonijiet jaraw kif il-Programmi pilota ta' Protezzjoni Reġjonali għandhom jiġu evalwati u kif ikunu sostenibbli u l-passi li jridu jittieħdu wara.

5. Il-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali għandhom itejbu l-kapaċità tat-territorji qrib ir-reġjuni ta' oriġini biex jipproteġu lir-refuġjati. L-għan għandu jkun biex jinħolqu l-kundizzjonijiet biex isseħħ waħda mit-tliet Soluzzjonijiet Sostenibbli – ir-ripatrijazzjoni, l-integrazzjoni lokali jew ir-ristabbiliment. L-iżvilupp tal-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali, b'kooperazzjoni ma' l-UNHCR, f'konformità mal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Kummissjoni u l-UNHCR tal-15 ta' Frar 2005, u pajjiżi terzi fir-reġjuni ta' oriġini, se jkollu bżonn il-koordinazzjoni bejn l-elementi ta' politika ta' l-UE dwar ir-refuġjati, umanitarji, u ta' l-iżvilupp biex tkun indirizzata l-firxa wiesa ta' ħtiġijiet ta' protezzjoni kif ukoll l-impatti tal-popolazzjonijiet tar-refuġjati fuq il-komunitajiet lokali biex jaraw li kulħadd ikollu l-aħjar benefiċċji possibbli. Madanakollu, l-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja favur ir-refuġjati mhumiex se jagħmlu parti fihom infushom mill-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali. Id-deċiżjonijiet li jaraw li jkun hemm operazzjonijiet umanitarji

għandhom ikomplu jsiru fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet tal-bżonnijiet u l-operazzjonijiet għandhom jiġu implimentati fir-rispett sħiħ tal-prinċipji umanitarji. Il-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali jista' jħallu l-aħjar riżultati billi jiġu evalwati n-nuqqasijiet fil-protezzjoni li jista' jkun hemm u billi jiġi żgurat li aktar miżuri jikkumplimentaw u jżidu l-valur ta' l-attivitajiet (partikolarment, l-attivitajiet umanitarji u ta' l-iżvilupp) li diġà qegħdin iseħħu. Fil-prattika, dan jitlob il-koordinazzjoni bejn prinċipji politiċi u bejn l-atturi kkonċernati biex iwasslu protezzjoni itjeb lir-refuġjati.

## 2. KONTENUT TAL-PROGRAMMI TA' PROTEZZJONI REĠJONALI

6. Il-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali għandhom ikunu flessibbli u indirizzati għal-sitwazzjoni speċifika u jaraw li jkun hemm konsistenza mal-politika umanitarja u ta' l-iżvilupp tal-Komunità u ma' attivitajiet relevanti oħrajn. L-għan tal-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali hu li jkabbru l-kapaċità ta' protezzjoni tal-pajjiżi terzi. Il-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali għandhom jikkonsistu f'azzjonijiet prattiċi li jwasslu benefeċċji reali kemm fil-protezzjoni offruta lir-refuġjati kif ukoll fl-appoġġ tagħhom f'arranġamenti eżistenti mal-pajjiż terz relevanti. Dawn għandhom ikollhom ukoll l-għan li jwasslu benefiċċji lill-pajjiż ospitanti. Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-qofol ta' l-attivitajiet kostitwenti għal Programm ta' Protezzjoni Reġjonali għandhom jinkludu:

(1) Proġetti immirati għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-protezzjoni ġenerali fil-pajjiż ospitanti.

(2) Proġetti mmirati għat-twaqqif ta' proċedura għal Determinazzjoni ta' Statut ta' Refuġjat li jista' jgħin lill-pajjiżi ospitanti biex jimmaniġġjaw aħjar l-implikazzjonijiet tas-sitwazzjonijiet tar-refuġjati u b'hekk ikunu jistgħu jikkonċentraw ir-riżorsi tagħhom lejn il-qalba tal-populazzjoni tar-refuġjati.

(3) Proġetti li jagħtu benefiċċji diretti lir-refuġjati fi stat ta' refuġjat, li jtejjbu l-kundizzjonijiet ta' kif inhuma milqugħa.

(4) Proġetti li tibbenefika minnhom il-komunità lokali li tospita lir-refuġjati, per eżempju billi jkunu indirizzati kwistjonijiet ambjentali aktar wiesgħa li jinfluwenzaw kemm lir-refuġjati kif ukoll lill-komunità ospitanti u billi tixxerred informazzjoni dwar l-impatti pożittivi tar-refuġjati.

(5) Proġetti mmirati li jipprovdu taħriġ fi kwistjonijiet ta' protezzjoni għal dawk li jkollhom x'jaqsmu mar-refuġjati u l-immigranti.

(6) Element ta' reġistrazzjoni, imsejjes fuq il-Proġett ta' Profil ta' l-UNHCR għall-persuni li dwarhom hija kkonċernata l-UNHCR fit-territorju, li jistgħu jassistu fil-kejl ta' l-impatt tal-Programm ta' Protezzjoni Reġjonali.

(7) Impenn ta' ristabbiliment, fejn l-Istati Membri ta' l-UE huma obbligati li jipprovdu fuq bażi volontarja soluzzjonijiet sostenibbli għar-refuġjati billi joffrulhom postijiet ta' ristabbiliment fil-pajjiżi tagħhom.

7. Ir-ristabbiliment tar-refuġjati fl-Istati Membri ta' l-UE minn pajjiżi f'reġjuni ta' oriġini se jkun fattur importanti biex jintwera l-element ta' sħubija ma' pajjiżi terzi tal-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali. Il-Kummissjoni tinnota li mill-Komunikazzjoni ta' Ġunju 2004 għadd ta' Stati Membri qed jikkunsidraw li jwaqqfu l-iskemi ta' ristabbiliment nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni tistenna' li din il-bidla fil-metodu se twassal għal suċċess akbar fil-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali, billi jiżdied b'mod sostanzjali l-isforz li digà hemm għar-ristabbiliment milli sempliċiment jiġu riċiklati l-iskemi eżistenti fil-kuntest tal-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali.

8. Wara l-evalwazzjoni tal-Programmi pilota ta' Protezzjoni Reġjonali, il-Kummissjoni se teżamina l-opportunità ta' kif tressaq proposta għal metodu aktar strutturat għall-attivitajiet ta' ristabbiliment. Proposta simili għandha tikkunsidra l-ħtiġijiet operazzjonali u loġistiċi għall-immaniġġjar tar-ristabbiliment fuq skala ta' l-UE. Madankollu, fuq perjodu ta' żmien qasir u skond il-mandat tal-Programm ta' the Hague, il-Kummissjoni se tressaq proposta biex temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati sabiex ir-ristabbiliment taħt il-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali jista' jkun iffinanzjat b'mod sostanzjali mill-Komunità.

## 3. IR-REĠJUNI GĦALL-EWWEL PROGRAMMI TA' PROTEZZJONI REĠJONALI

9. L-għażla tar-reġjuni ġeografiċi adatti għall-Programmi pilota ta' Protezzjoni Reġjonali tiddependi minn numru importanti ta' fatturi, prinċipalment; l-evalwazzjoni ta' sitwazzjonijiet partikolari tar-refuġjati f'pajjiżi terzi; l-opportunitajiet finanzjarji disponibbli taħt fondi Komunitarji eżistenti; ir-relazzjonijiet u l-istrutturi eżistenti għall-kooperazzjoni bejn il-Komunità u pajjiżi jew reġjuni partikolari. Fl-2003, il-UNHCR identifikat 38 sitwazzjoni ta' refuġjati li jistgħu jitqiesu bħala mtawla, f'kull każ minnhom 25,000 refuġjat għexu fl-eżilju għal aktar minn ħames snin. Hemm ukoll sitwazzjonijiet oħrajn tar-refuġjati li jistgħu jibbenefikaw mill-isforzi konġunti li l-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali jistgħu jwasslu. Madanakollu, għall-għanijiet tal-Programmi pilota ta' Protezzjoni Reġjonali, huwa importanti li wieħed jiffoka fuq territorju delimitat b'mod ċar, bi tkomplija ta' l-esperjenza miksuba fuq il-bażi ta' azzjonijiet iffinanzjati minn relazzjonijiet esterni oħrajn u bi strumenti ta' żvilupp u billi jiġi kkunsidrat il-bżonn li jitħares il-valur miżjud u l-possibilità ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni fil-miżuri meħuda.

10. Hemm ukoll kunsiderazzjonijiet politiċi li wieħed għandu jeżamina, bħall-bżonn li jiġi rikonoxxut li waqt li r-reġjuni ta' tranżitu u r-reġjuni ta' oriġini huma ta' natura differenti u jeħtieġu metodi differenti, huwa importanti għall-UE li tindirizza ż-żewġ tipi ta' reġjuni. Dwar ir-reġjuni ta' tranżitu, l-**Istati Indipendenti Ġodda tal-Punent** dehru b'qawwa fil-kunsiderazzjonijiet ta' l-Istati Membri. L-azzjoni fl-Afrika ta' taħt is-**Saħara (il-Lagi l-Kbar/l-Afrika tal-Lvant)** kienet meqjusa wkoll bħala prijorità importanti partikularment fid-dawl tal-possibilitajiet ta' ristabbiliment f'dak ir-reġjun u f'termini ta' bidu ta' djalogu ma' pajjiż jew pajjiżi f'reġjun ta' oriġini.

11. Madanakollu, sabiex jinkiseb l-aħjar sostenn politiku għall-azzjoni meħuda fuq il-livell ta' l-UE, u biex tinkiseb il-fiduċja tal-pajjiżi terzi involuti, huwa importanti li jingħażel reġjun li jista' jagħti riżultati malajr u li jitkejlu. Meta wieħed iqis dan kollu, l-ewwelnett il-Kummissjoni biħsieba tagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex tgħin lill-awtoritajiet ta' l-**Istati Indipendenti Ġodda tal-Punent** (l-Ukrajina/il-Moldova/il-Belarussja) jiżviluppaw Programmi pilota ta' Protezzjoni Reġjonali[2] f'reġjun ta' transitu.

## 4. PROGRAMMI TA' PROTEZZJONI REĠJONALI GĦALL-ISTATI INDIPENDENTI ĠODDA TAL-PUNENT

12. **L-Istati Indipendenti Ġodda tal-Punent** (l-Ukrajna, il-Moldova u l-Belarussja) dehru bħala prijorità ċara fid-diskussjonijiet ma' l-Istati Membri. Dan ir-reġjun diġà jikkostittwixxi prijorità kbira tal-politika tar-relazzjonijiet esterni u ta' l-assistenza finanzjarja ta' madwar il-Komunità li tinkludi xogħol għaddej dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni iffinanzjati mill-Komunità u minn Stati Membri individwali. Sa mill-bidu tas-snin 90, il-UNHCR ħadmet mal-gvernijiet u ma' partijiet releventi oħrajn biex tgħin fl-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni u infrastruttura ta' kenn politiku, li jitlob aktar xogħol u appoġġ, kif ukoll miżuri ġodda fl-oqsma tal-wasla, ta' l-integrazzjoni u tar-ristabbiliment.

13. Programm pilota ta' Protezzjoni Reġjonali jkollu jfittex li jibni fuq u jikkumplimenta x-xogħol mibdi bil-kooperazzjoni ta' l-awtoritajiet fl-Istati Indipendenti Ġodda tal-Punent. Il-punt prinċipali ta' l-azzjoni għandu jkun dak li tissaħħaħ il-kapaċità ta' protezzjoni eżistenti. Din għandha tinkludi t-tisħiħ tal-protezzjoni sussidjarja, ta' l-integrazzjoni u tar-reġistrazzjoni kif ukoll attivitajiet ta' protezzjoni prinċipali relatati mal-kunsiderazzjoni tal-każ kif ukoll ma' kif jintlaqgħu r-refuġjati. Proposti għal attivitjiet f'dawn l-oqsma għandhom jitressqu fis-Sejħa għall-Proposti ta' AENEAS ta' l-2005 u fil-Programmi ta' Azzjoni Reġjonali ta' TACIS fl-2006 u f'opportunitajiet finanzjarji disponibbli oħrajn. Strutturi eżistenti għandhom jiġu modifikati biex jappoġġjaw iż-żieda offruta mill-Programm pilota ta' Protezzjoni Reġjonali. AENEAS jalloka ċifra indikattiva ta' € 2 miljun għall-protezzjoni ta' kenn politiku u internazzjonali f'dan ir-reġjun.

## 5. AKTAR PROGRAMMI TA' PROTEZZJONI REĠJONALI

14. Fir-rispett ta' l-iżvilupp ta' Programm-pilota Reġjonali ta' Protezzjoni ma' pajjiż jew pajjiżi f'reġjun ta' oriġini, il-prospett li tittieħed aktar azzjoni biex tittejjeb il-protezzjoni tar-refuġjati mir-reġjun hekk imsejjaħ tal-**Lagi l-Kbar** toffri l-opportunità li tista' tikkorrispondi ma' l-ipprogrammar ta' l-istrumenti finanzjarji disponibbli, iċ-ċentralità tar-ristabbiliment bħala soluzzjoni sostenibbli possibbli u l-prijoritajiet politiċi espressi mill-Istati Membri. L-opportunità għall-UE hawnhekk

---

[2] L-azzjonijiet fil-Belarussja se jiffukaw fuq il-bini ta' kapaċità ta' protezzjoni permezz ta' l-NGO's u l-kuntatti ma' l-awtoritajiet governattivi se jkunu limitati sa fejn hu strettament meħtieġ għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-proġetti. Madanakollu, l-awtoritajiet ta' l-Istat jistgħu jibbenefikaw mill-programm jekk jaqblu li jikkooperaw ma' l-aspetti rrelatati mad-drittijiet umani tar-refuġjati, bħall-protezzjoni sussidjarja, is-servizzi legali u mediċi, l-iżvilupp ta' programmi ta' integrazzjoni tar-refuġjati eċċ.

tinsab fil-possibilità li jiġu żviluppati azzjonijiet koordinati u strateġiċi dwar il-protezzjoni u r-ristabbiliment tal-pajjiżi terzi relevanti u fir-rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dritt tal-propjetà[3]. Dan huwa konformi ma' dak li huwa mistenni mill-UNHCR fl-inizjattiva tagħha *Convention Plus*[4].

15. Ovvjament, f'dan ir-reġjun jeżistu sfidi serji għall-ewwel Programm ta' Protezzjoni Reġjonali fuq skala żgħira. Tant hija mifruxa s-sitwazzjoni tar-refuġjati li jista' jkun diffiċli tara kif Programm ta' Protezzjoni Reġjonali bil-fondi limitati disponibbli taħt AENEAS jista' jkollu impatt fit-tul. Għalhekk jista' jkun meħtieġ li jingħażel punt prinċipali għall-Programm pilota ta' Protezzjoni Reġjonali li jibni fuq ix-xogħol li diġà nbeda, jagħmel differenza lir-refuġjati fit-territorju u jagħmel użu mill-ikbar ħeġġa ta' l-Istati Membri biex iniedu sforz ta' ristabbiliment għal dan ir-reġjun. Dan jista' jfisser li jingħażel post ġeografiku iżgħar fi ħdan ir-reġjun b'mod ġenerali għall-Programm pilota ta' Protezzjoni Reġjonali. Hawnhekk, għadd ta' attivitajiet immirati taħt AENEAS jistgħu jinbdew u jintlaħaq impatt akbar milli kieku l-attivitajiet kienu mifruxa mar-reġjun kollu b'mod ġenerali. **Ir-Reġjonalità** tista' tkun żgurata għax ir-refuġjati li jistgħu jibbenefikaw mill-applikazzjoni tal-Programm pilota ta' Protezzjoni Reġjonali huma minn madwar ir-reġjun tal-Lagi l-Kbar. Dan il-Programm ta' Protezzjoni Reġjonali fuq skala żgħira jista' jservi bħala katalist għal aktar azzjonijiet u bażi għal Programm ta' Protezzjoni aktar komprensiv għal li ġej.

16. **It-Tanzanija** tista' tirrappreżenta post ġeografiku b'numru kbir ta' refuġjati mill-Burundi u mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Id-Dokument Strateġiku tal-Pajjiż u l-Programm Nazzjonali Indikattiv (CSP) għall-perjodu 2001 – 2007 bejn it-Tanzanija u l-Komunità jagħraf li t-Tanzanija tospita l-akbar popolazzjonijiet ta' refuġjati fl-Afrika u għalhekk tibbenefika minn wieħed mill-ikbar programmi ta' l-ECHO ta' għajnuna f'każ ta' emerġenza. Il-Komunità għandha tkompli tappoġġja l-proċess ta' paċi fil-Burundi u fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo biex toħloq il-kundizzjonijiet għar-ritorn tar-refuġjati. L-Istrateġija Reġjonali għar-Reġjun ta' l-Afrika tal-Lvant u ta' Fuq u ta' l-Oċejan Indjan, li jinkludi t-Tanzanija, tidentifika l-bini ta' kapaċità istituzzjonali bħala waħda ta' importanza partikulari, speċjalment biex organizzazzjonijiet reġjonali jkunu jistgħu jagħtu kontribut għall-promozzjoni ta' tmexxija tajba, tad-drittijiet umani u tas-soluzzjoni għat-tilwim fost il-pajjiżi membri.

---

3 Is-seminar tal-Presidenza tar-RU dwar ir-Ristabbiliment li sar f'Londra fl-4 u l-5 ta' Lulju 2005 kkonferma l-importanza ta' l-użu strateġiku tar-ristabbiliment bħala għodda li ssaħħaħ il-kapaċità tal-protezzjoni f'pajjiżi terzi.

4 Fil-*Convention Plus*, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati għamel sejħa għal ftehim ġdid li jissupplimenta l-Konvenzjoni tar-Refuġjati u jgħin biex jipproteġi r-refuġjati u jintlaħqu soluzzjonijiet sostenibbli fir-reġjuni ta' oriġini. L-għan hu li jintużaw il-fehemiet u l-impenji ta' Stati fi ftehim miltilaterali li jindirizzaw każijiet speċifiċi, inklużi pjanijiet ta' azzjoni globali. Il-UNHCR jipprevedi li dawn l-arranġamenti ġodda, fil-forma ta' "arranġamenti speċjali" multi-laterali jistgħu jikkonsistu fi pjanijiet ta' azzjoni komprensivi li jiżguraw rispons aktar effettiv u prevedibbli għal sitwazzjonijiet tar-refuġjati fuq skala kbira, li jinkludu aktar assistenza fl-iżvilupp immirata li tilħaq tqassim aktar ġust tal-piż u li jippromwovu l-indipendenza tar-refuġjati u ta' dawk li jirritornaw f'pajjiżi li jospitaw numru kbir ta' refġjati; impenji multilaterli għar-riallokazzjoni tar-refuġjati; u l-ftehim tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' ċaqliq sekondarju irregolari.

17. Fi ħdan il-qafas għall-żvilupp tal-kooperazzjoni fil-pajjiżi ta' l-ACP, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li toħloq djalogu ma' l-awtoritajiet tat-Tanzanija biex tiddiskuti l-opportunitajiet għal u l-konvenjenza tal-Programmi ta' Protezzjoni fil-pajjiż, billi tieħu ħsieb ir-refuġjati mir-reġjun tal-Lagi l-Kbar. Wara dawn id-diskussjonijiet, struttura ta' pjan għal proġett għal xi żoni tista' tiġi ppreżentata għall-informazzjoni tal-Kumitat AENEAS. Għalhekk, l-attivitajiet jistgħu jiġu proposti bħala proġetti taħt AENEAS. Il-baġit indikattiv għal azzjoni lejn soluzzjonijiet sostenibbli għar-refuġjati fl-Afrika tas-Sub-Saħara għall-2005 huwa ta' € 4 miljuni. Huma indikati € 5 miljun aktar għall-azzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-immaniġġjar tal-migrazzjoni.

18. Possibilitajiet oħrajn li għandhom jiġu kkunsidrati, f'termini ta' aktar żvilupp fil-Programmi Reġjonali ta' Protezzjoni, jinkludu b'mod partikolari l-**Afrika ta' Fuq**, **ir-reġjun ta' l-Afganistan** u l-**Qarn ta' l-Afrika**. Dawn ir-reġjuni ġew imsemmijja fid-dettall f'diskussjonijiet bejn l-Istati Membri. **Ir-reġjun ta' l-Afganistan** kien fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni ta' ħafna azzjoni mill-Komunità u minn Stati Membri individwali, b'azzjonijiet li jisħqu dwar ir-ritorn taċ-ċittadini Afgani lejn pajjiżhom fis-sigurtà. Fil-**Qarn ta' l-Afrika**, il-UNHCR hija impennjata fi proġett preparatorju għal Pjan ta' Azzjoni Komprensiv għar-refuġjati Somali. Ir-riżultati ta' dawn l-attivitajiet li għaddejjin jistgħu jkunu essenzjali għall-evalwazzjoni tal-bżonn ta' l-għajnuna lil pajjiżi terzi relevanti biex ifasslu Programm ta' Protezzjoni li jista' jsir fil-futur għal dan ir-reġjun. Huwa ċar ukoll li **l-Afrika ta' Fuq** hija ta' tħassib għall-Istati Membri u hija diġà fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni ta' ħafna mill-attività sponsorjata mill-Komunità. Madankollu, in-natura aktar kumplessa tas-sitwazzjoni tal-migrazzjoni mill-Afrika ta' Fuq tfisser li huwa meħtieġ metodu usa'. Fattur importanti meta wieħed jikkunsidra dawn ir-reġjuni u oħrajn għall-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali għandu jkun l-identifikazzjoni mill-UNHCR ta' l-ammont tal-każijiet ta' ristabbiliment possibbli.

## 6. EVALWAZZJONI, SOSTENIBILITÀ U ŻMIEN

19. Il-Programmi pilota ta' Protezzjoni Reġjonali għandhom jikkostitwixxu sforz miżjud fl-impenn tagħna għall-protezzjoni tar-refuġjati u se jitolbu sorveljar u evalwazzjoni preċiżi waqt il-fażi inizjali ta' dan il-metodu ġdid. Il-Kummissjoni tqis li għandha ssir evalwazzjoni indipendenti u esterna sa l-2007 li se tiffoka l-aktar fuq l-effetti u r-riżultati tal-programmi.

20. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni se tevalwa u tirrapporta l-impatt tal-Programm pilota ta' Protezzjoni Reġjonali. Il-Kummissjoni se teżamina l-bżonn li jkun provdut metodu aktar sistematiku għall-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali, inkluża l-possibiltà ta' sħubija strutturata ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti bl-inkarigu li jimplimentaw l-attivitajiet assoċjati. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-inizjattivi meħtieġa li għandhom jiġu wara.

21. Sabiex il-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali jkunu sorveljati u evalwati b'mod effettiv, il-Kummissjoni għandha tassigura li l-proġetti proposti taħt is-Sejħa għall-Proposti AENEAS, li se jikkostitwixxu l-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali, huma koordinati biex iwasslu r-riżultati fl-istess perjodu b'mod ġenerali sabiex permezz

tar-rapportar provvižorju u bis-sorveljar frekwenti ta' l-interventi, tkun assigurata l-kontinwità bejn il-programmi inizjali u x-xogħol sussegwenti meħtieġ.

## 7. KONKLUŻJONI

22. Il-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali huma l-ewwel pass lejn tisħiħ tal-metodu tal-protezzjoni internazzjonali. Dawn jirrappreżentaw ukoll opportunità għall-UE biex tikseb għadd ta' riżultati operazzjonali bil-għan li r-refuġjati jkunu protetti aħjar fil-konkret. Il-valur miżjud tagħhom tinsab fil-bażi tal-qsim tar-responsabbiltà pprovduta mir-ristabbiliment u l-impenn li jitwassal sforz kumplimentari akbar biex is-sitwazzjonijiet tar-refuġjati jinbidlu għall-aħjar. Din l-inizzjattiva, anki jekk hija fuq skala limitata, għandha twassal biex il-kwistjonijiet tar-refuġjati u tal-protezzjoni titla' 'l fuq fl-aġenda politika, għall-benefiċċju tar-refuġjati, il-pajjiżi terzi involuti u l-Istati Membri ta' l-UE.

23. Il-Kummissjoni se tiżgura koordinazzjoni xierqa bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' kenn politiku kkonċernati fit-twassila u l-moniteraġġ tal-mekkaniżmi tal-Programmi pilota ta' Protezzjoni Reġjonali b'konsultazzjoni ma' partijiet interessati oħrajn inkluża l-UNHCR.

24. Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew biex jieħu nota ta' l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali f'din il-Komunikazzjoni.